**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 15/00JR**

**Giovanni Schembri Ltd.**

**vs**

**Lespanya Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Jannar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm237.16) ammont bilancjali dovut lis-socjeta` attrici ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta gewwa l-"Moon Dance Bar & Restaurant" f'Tas-Sliema;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittri bonarji tas-26 ta' Awissu, 1998, tas-27 ta' Novembru, 1998, tat-28 ta' Jannar, 1999, tal-24 ta' Frar, 1999, u ta' l-1 ta' Dicembru, 1999, u wkoll ta' l-ittri ufficjali ta' l-24 ta' Settembru, 1998, u tal-25 ta' Marzu, 1999, u bl-imghax legali mid-29 ta' Novembru, 1996, data ta' l-ahhar konsenja kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm237.16), bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Novembru, 1996.**

**Dwar l-ispejjez jigi rilevat illi intbghatu diversi ittri, pero` ma ghandux jigi kkundannat il-konvenut ibati l-ispejjez ta' dawn l-ittri kollha, in kwantu, l-azzjoni setghet ittiehdet qabel.**

**Ghalhekk il-konvenut ghandu ibati l-ispejjez ta' dina il-kawza, inkluzi l-ittri tal-26 ta' Awissu, 1998, tas-27 ta' Novembru, 1998, u wkoll ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Settembru, 1998.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**